



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0169/2012

21.5.2012

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li timmodifika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea
(COM(2012)0061 – C7-0054/2012 – 2012/0024(CNS))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Maurice Ponga

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI	6
PROCĊEDURA	7

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li timmodifika d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea
(COM(2012)0061 – C7-0054/2012 – 2012/0024(CNS))**

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2012)0061),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 203 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0054/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0169/2012),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 355(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) il-Kunsill Ewropew, fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru kkonċernat, jista' jadotta, b'unanimità u wara li jikkonsulta mal-Kummissjoni, deċiżjoni li timmodifika l-istatus fir-rigward tal-Unjoni, ta' pajjiż jew territorju Daniż, Franċiż jew Olandiż imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 355.

Permezz ta' ittra tat-30 ta' Ġunju 2010, ir-Repubblika Franċiża talbet lill-Kunsill Ewropew jieħu tali deċiżjoni fir-rigward tal-gżira ta' Saint-Barthélemy, sabiex din tal-aħħar ma tibqax titqies reġjun ultraperiferali u tikseb l-istatus ta' pajjiż u territorju extra-Ewropew assoċjat mal-Unjoni Ewropea.

Fid-29 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill Ewropew adotta d-deċiżjoni 2010/718/UE li emendat l-istatus tal-kollektività Franċiża ta' Saint-Barthélemy mill-1 ta' Jannar 2012.

Għaldaqstant sabiex irendi effettiva din id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill irid, skont l-Artikolu 203 tat-TFUE, b'mod unanimu u fuq proposta tal-Kummissjoni, u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, jemenda d-deċiżjoni tiegħu dwar l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea.

Konsegwentement, qed jiġi propost li jiġi emendat l-Anness 1A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE sabiex jiddaħħal inċiż ġdid li jinkludi fil-lista tal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej lil Saint-Barthélemy.

Ir-rapporteur iqis li din il-bidla fl-istatus tissodisfa l-bżonnijiet u l-partikolaritajiet tat-territorju ta' Saint-Barthélemy mingħajr madankollu ma tippreġudika l-interessi tal-Unjoni u jipproponi għalhekk li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi approvata.

B'hekk, Saint-Barthélemy isir is-26-il pajjiż u territorju extra-Ewropew assoċjat mal-Unjoni Ewropea. Bl-adozzjoni tal-istatus ta' pajjiż u territorju extra-Ewropew, Saint-Barthélemy se jidħol fi sħubija reċiproka u fit-tul ġdida mal-Unjoni Ewropea, li hija adatta għall-karatteristiċi speċifiċi tiegħu, mingħajr madankollu ma tiġi ppreġudikata s-sħubija tiegħu fil-familja Ewropea. Fil-fatt, Saint-Barthélemy jibqa' jżomm l-euro bħala munita u ċ-ċittadini tiegħu jibqgħu ċittadini Ewropew. Ir-rabtiet tiegħu mal-Unjoni Ewropea se jibqgħu għalhekk intatti.

Din il-bidla fl-istatus se tippermetti lil Saint-Barthélemy isaħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħu mal-atturi reġjonali, u b'mod partikolari mal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej l-oħra, il-pajjiżi AKP u r-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Karibew u b'hekk tikkontribwixxi għat-tixrid tal-mudell u l-valuri Ewropej.

PROĊEDURA

Titolu	L-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea
Referenzi	COM(2012)0061 – C7-0054/2012 – 2012/0024(CNS)
Data meta ġie kkonsultat il-PE	27.2.2012
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 13.3.2012
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Maurice Ponga 30.3.2012
Eżami fil-kumitat	24.4.2012
Data tal-adozzjoni	14.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 18 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Ricardo Cortés Lastra, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Catherine Grèze, Eva Joly, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, Michèle Striffler, Alf Svensson, Eleni Theocharous, Ivo Vajgl
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Kriton Arsenis, Emer Costello, Krzysztof Lisek, Isabella Lövin
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioan Enciu, Alajos Mészáros
Data tat-tressiq	21.5.2012